# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 20 ta' Frar 2002**

**Avviz. numru 537/99**

**Numru 17**

**Dottor Louis Cassar Pullicino bhala mandatarju specjali tal-assenti Dottor Ronald Conti.**

**vs**

**Joseph Cachia u b'digriet tal-14 ta' Lulju 2000 gie nominat Dr Vincent Galea sabiex jirrapresenta lil Joseph Cachia fl-atti ta' dan l-avviz 537/99 u fl-atti kollha relattivi u sussegwenti.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine talab sabiex il-konvenut nomine jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li fi zmien qasir u perentorju li jigi lill-konvenut prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, jizgombra u jirritorna c-cwievet tal-fond numru 31-33, gja 110-112, fi

Triq Birzebbugia, Birzebbugia peress illi l-konvenut ma ghandux titolu validu skond il-Ligi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Jigi dikjarat illi l-valur lokatizju tal-fond in kwistjoni ma jeccedix is-somma ta' elf lira (Lm1000).

Giet annessa kopja tal-prokura datata 17 ta' Marzu 1999 markata Dokument "A".

Rat id-digriet mgohti fil-14 ta' Lulju 2000 (fol 20 tal-atti).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut nomine (fol 21 tal-istess atti) li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-attur nomine irid jipprova l-mandat tieghu.

2. Illi fit-tieni lok, huwa ma huwiex edott mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriserva minn issa d-dritt tieghu li jressaq dawk l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 35 tal-atti.

Ikkunsidrat

Illi a basi ta':

a) il-prokura annessa mal-atti a fol 26 u 27 (ara ukoll fol 2 ibid).

b) ix-xhieda permezz ta' affidavit ta' Ronald Conti LL.D. (fol 28 u 29 ibid) u;

c) zewg kuntratti ossija atti pubblici annessi mal-atti a fol 30 u fol 33, ma hemm ebda dubbju li t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex sal-20 ta' April 2002 jizgombra mill-fond 31-33 gja 110-112, f'Triq Birzebbugia, Birzebbugia u sal-istess data gja prefissa jirritorna c-cwievet tal-istess fond, lill-attur nomine, bl-ispejjes kontra l-istess konvenut nomine.

Alan Calleja
Deputat Registratur